MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1055/1990/1

**John Barbara**

**v.**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Airmalta Company Limited u b'nota tad-9 ta' Mejju, 1997 Louis Grech bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Airmalta Company Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Albert Mizzi.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Settembru, 1990 l-attur ppremetta illi huwa kien jinsab impjegat mas-socjeta` tal-Avjazzjoni Civili Air Malta; li fil-11 ta' Marzu, 1989 huwa kien gie ordnat biex wahdu jiccekkja l-flexibility tas-seats kollha ta' l-ajruplan appartenenti lill-istess socjeta` konvenuta f'terminu prefiss; illi dan ix-xoghol huwa strappazzus hafna specjalment meta jigi kunsidrat in-numru tas-seats li kellu jiccekkja u l-perjodu limitat li fih l-attur kellu jezegwixxi l-istess xoghol; illi bhala rizultat ta' dan ix-xoghol strappazzus l-attur wegga' dahru u b'mod li kellu jissubixxi operazzjoni f'dahru fejn gew imnehhija lilu zewg irkiekel (disc) minn daru, u, wkoll minhabba f'hekk huwa qieghed isofri debilita` permanenti fuq persuntu li, skond ic-certifikat rilaxxat minn Mr Bernard M.D. FRCS il-kirurgu ortopediku, jammonta ghal 30%; illi minhabba f'dan l-incident l-attur qieghed isofri danni konsiderevoli anke mankamenti ta' natura permanenti; illi dan l-incident gara unikament tort tas-socjeta` konvenuta kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u mill-provi; dan premes l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident imsemmi tal-11 ta' Marzu, 1989 li fih korra l-attur gara unikament bi htija tas-socjeta` konvenuta;
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident fuq imsemmi fil-bzonn anke bl-opera ta' periti nominandi, u
3. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata a bazi tat-tieni domanda in linea ta' danni sofferti minnu ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut nomine li ghandu jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-9 ta' Ottubru, 1990 il-konvenut nomine eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok l-attur irid jirnexxi fil-prova illi kien hemm incident u li jekk kien hemm incident li minnu jippretendi li sofra d-dannu li tali incident kien l-effett dirett ta' xi azzjoni jew inazzjoni ta' l-eccipjent nomine, kif irid id-dispost ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

2. Sekondarjament l-attur irid jipprova n-ness bejn l-incident u l-event dannuz.
3. F'kull kaz il-Qorti hi mitluba tordna l-isfilz tac-certifikat mediku 'ex parte' esebit.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fl-4 ta' Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, laqghat it-talbiet attrici u ddikjarat li l-incident in kwistjoni li fih korra l-attur gara unikament bi htija tas-socjeta` konvenuta, illikwidat id-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sebghin liri maltin u sitta u erbghin centezimu (LM26,572.46) u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat dovut bl-imghax legali mid-data tas-sentenza bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta u dana wara li ghamlet is-sewgenti konsiderazzjonijiet:
" Jirrizulta li l-attur hu impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala "ground engineer". Qabel l-incident in kwistjoni l-attur kien ilu jaghmel l-istess xoghol, inkluz dak li kien qed jaghmel meta sehh l-incident, ghal certu zmien. Fil-gurnata in kwistjoni huwa gie mqabbad jivverifika l-flessibilita` tas-sedili, jew "seats", kollha fuq ajruplan. Huwa kellu jara li dawn is-sedili ma jinqalghux minn posthom u dana billi jaghmel verifiki vizwali kif ukoll billi jaghtihom skoss. Dak il-hin kien qed isir dak li jissejjah "major maintenance" lill-ajruplan u ghalhekk ma jidhirx li x-xoghol kien mghaggell hafna jew kellu jsir ta' malajr. L-attur ikkonferma li l-incident in kwistjoni sehh meta hu kien gia` ghamel dawn il-verifiki ghar-rigward ta' nofs in-numru tas-sedili li kellhom jigu verifikati. Skond l-attur l-incident sehh meta, waqt li kien qed jiskossa s-sedili, huwa hass weggha f'dahru. Wara li hass din il-weggha, xorta wahda kompla bix-xoghol ghaliex haseb li ma kien xejn. Meta spicca x-xoghol l-ugigh baqa' jzid u minhabba f'hekk l-ghada ma marx ghax-xoghol u mar l-isptar. L-attur jghid li ghadu ma jistax jaghmel xoghol ta' strapazz billi jaqbdu l-ugigh.

“Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur, waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol imsemmi, wegga f’dahru u bhala konsegwenza huwa sofra debilita` permanenti tant li kellu jsirlu intervent biex jitnaqqas l-ugiegh u inoltre baqa’ ma jistax jistrapazza ruhu kemm fix-xoghol tieghu kif ukoll fil-passatempi tieghu. L-abbli espert mediku, nominat minn din il-Qorti, wara li kkonsidra dak kolu [recte: ‘kollu’] li kien rilevanti, ikkonkluda li dahar l-attur mhux normali u l-istess attur ser ikollu dejjem ikun attent fix-xoghol tieghu kif ukoll fil-passatempi tieghu. L-espert mediku stabilixxa li l-attur kellu debilita` permanenti ta’ 17%. Jirrizulta inoltre li qabel l-incident in kwestjoni l-attur qatt ma wegga’ f’dahru jew bata b’dahru;

“Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ghamel referenza ghall-gurisprudenza nostrana u awturi. Fost affarijiet ohra huwa kkonkluda li l-htija, f’kazijiet bhal dawn, trid tigi ppruvata u l-kriterju tal-prova huwa dak ta’ att jew ommissjoni naxxenti minn imprudenza, nuqqas ta’ diligenza jew attenzjoni ta’ bonus paterfamilias. In effett l-attur ma llimitax ruhu li jallega li x-xoghol li kien qed jaghmel kien ta’ strapazz. L-attur irnexxielu jipprova b’mod sufficjenti li huwa sofra danni bhala rizultat tal-weggha li hass waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol in kwestjoni u li dan hu attribwibbli ghal nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta bhala l-‘employer’ li tipprevjeni d-dannu.

“Huwa minnu li l-imgieba tas-socjeta` konvenuta, bhala “employer”, trid titqies fl-ambitu ta’ l-obbligi naxxenti b’mod generali mill-ligi. L-obbligu principali, f’dan ir-rigward, tas-socjeta` konvenuta kien li tipprovdi post tax-xoghol kif ukoll sistema ta’ xoghol bla riskji u perikoli. Huwa ghalhekk l-obbligu ta’ minn ihaddem, cioe` tas-socjeta` konvenuta, li jipprovdi lill-haddiema tieghu mezzi adegwati biex jaghmlu xoghlhom f’sigurta` u f’ambjent hieles mill-mard u mill-perikoli. Minn jhaddem ghandu jipprovdi lill-haddiema t-tghamir kollu protettiv biex ikun jista’ jaghmel xoghlu bl-ahjar mod u minghajr perikolu. F’dan ir-rigward jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta` konvenuta naqset li tezercita diligenza ta’ bonus paterfamilias billi naqset li tipprovdi “a safe system of work” ghar-rigward tax-xoghol li kien qed jaghmel l-attur meta sehh l-incident

in kwistjoni. In effett is-socjeta` konvenuta setghet ragjonevolment ippreveniet li, peress li x-xoghol kien ta' strapazz kbir dan seta' jinvolvi riskju ta' korriment. Jirrizulta wkoll b'mod sufficjenti li dan ir-riskju kien il-kawza tal-korriment ta' l-attur. Jirrizulta ukoll li s-socjeta` konvenuta ma ghamlet xejn biex dan ir-riskju jitnaqqas jew jigi eliminat;

"Jista' jkun li l-attur kien ilu jaghmel dan ix-xoghol u li kellu certa esperjenza fl-istess xoghol. Dan pero` ma jnaqqas xejn mill-obbligu tas-socjeta` konvenuta li tipprovdi ambjent tax-xoghol li jkun liberu minn certi riskji. Hu minnu wkoll li hemm certa responsabbilita` li taqa' fuq l-attur. F'dan r-rigward, pero`, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attur ghamel xi haga li mhux f'postha meta kien qed jaghmel ix-xoghol in kwistjoni. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien b'xi mod traskurat u negligenti meta kien qed jaghmel dan ix-xoghol. Ma jirrizultax li huwa kien dizattent jew li minhabba distrazzjoni ghamel xi haga li ma kellux jaghmel.

"Jidher li dak li kien qed jaghmel l-attur hu prattika kostanti fl-industrja ta' l-ajruplani. Dan pero` ma jnaqqas xejn mill-imsemmi obbligu principali tas-socjeta` konvenuta bhala "employer". Hu ovvju li x-xoghol li kien qed jaghmel l-attur kien fih riskju li seta` jwegga, u dana peress li l-attur fisikament kien qed jhezzez b'mod qawwi s-sedili. Dan hu pruvat mill-fatt per se li l-attur in effett wegga'. L-employer seta` jipprevjeni li din l-operazzjoni, li kienet tinvovli li jinghata skoss qawwi lis-sedili, kienet implicitament riskjuza u ta' periklu u setghet tikkawza hsara lil minn kien qed jaghmilha.

"L-attur kien qed jaghmel dawn il-verifiki wahdu, meta, jista` jkun, li jekk kien hemm ghall-anqas impjegat iehor qed jghin lill-attur, il-perikolu tar-riskju seta` gie ridott b'mod konsiderevoli. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta ghamlet xi haga biex tipprevjeni jew biex tnaqqas dan ir-riskju. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta riedet issib xi alternattivi ghal kif setghu isiru dawn il-verifiki. Jirrizulta inoltre li fiz-zmien in kwistjoni ma kienx hemm safety officer tas-socjeta` konvenuta fil-hangers.

“Il-fattur ta’ l-ghagla cioe` li x-xoghol kien mghaggel mhux daqstant rilevanti ghal finijiet ta’ din il-kawza. In effett ma jirrizultax li l-incident in kwistjoni sehh ghaliex ix-xoghol kien mghaggel. L-incident sehh ghaliex kien hemm riskju intrinsiku li seta` jigri incident u korriment simili u dana minhabba t-tip ta xoghol li kien qed isir u kif kien qed isir.

“Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

“Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni kif gia` gie rilevat l-espert mediku kkonkluda li l-attur sofra debilita` permanenti ta’ sbatax fil-mija (17%). Jirrizulta li l-attur, fi zmien ta’ l-incident, kellu disa’ [recte: ‘disgha’] u ghoxrin sena (29). Il-paga tieghu netta ghas-sena meta gara l-incident cioe` ghas-sena 1989 kienet ta’ cirka LM5230 fis-sena u cioe` cirka erba’ mija u hamsa u tletin liri maltin (LM435) fix-xahar (ara fol. 65). Ghalhekk ghal finijiet tal-kalkolu li ghandu jsir sabiex jigu likwidati d-danni ghar-rigward tad-dizabilita` permanenti hu ragjonevoli li l-bazi tal-qliegh ta’ kull xahar ghandu jigi kalkolat fuq ammont ta’ hames mitt liri maltin (LM500) u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, ta’ l-eventwali inflazzjoni, taz-zidiet (sic) li jistghu jirrikorru, tat-taxxa li trid tithallas u ta' cirkostanzi ohra;

“Kif gia` gie rilevat l-attur fiz-zmien ta’ l-incident kellu disa’ [recte: ‘disgha’] u ghoxrin (29) sena. Ghal fini tal-“multiplier” ghandu jigi kalkolat zmien ta’ tnejn u tletin sena (32) u dana in vista ta’ l-eta li fiha l-attur jirtira mix-xoghol. F’dan il-kaz ghandu jitnaqqas ghoxrin fil-mija (20%) stante li l-ammont ser jithallas f’pagament wiehed. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala ‘lucrum cessans’, fuq dak li ntqal sa issa, tammonta ghal sitta u ghoxrin elf, mija u tnax il-liri maltin (LM26,112) (LM500 x 12 x 32 x 17% - 20%);

“Ghar-rigward tad-“damnum emergens” l-attur ipprezenta biss prospett (fol. 62) fejn indika li huwa tilef xahar u nofs xoghol u l-overtime relattiv fil-1989 u xahrejn fil-1990, u f’dan ir-rigward b’kollox huwa kkalkolat li tilef LM331.50. Huwa ukoll elenka l-ispejjes medici minghajr ma pproduca

r-ricevuti relattivi. Dawn jammontaw b'kollox ghas-somma ta' LM128.96.

"In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz dawn l-ammonti kollha jidhru li huma ragjonevoli u ghalhekk f'dan ir-rigward id-danni kollha qed jigu likwidati fis-somma ta' erba' mija u sittin liri maltin u sitta u erbghin centezimu (LM460.46). Din l-ahhar somma trid tizdied ma' l-imsemmija somma li giet likwidata bhala 'lucrum cessans'. B'kollox ghalhekk id-danni komplessivi li ghandhom jigu likwidati jammontaw ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sebghin liri maltin u sitta u erbghin centezmi (LM26,572.46) u ghal liema danni tirrizulta responsabbli s-socjeta` konvenuta."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2002, interponiet appell fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet ta' l-appellat John Barbara fil-konfront taghha u fin-nuqqas tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata fis-sens li s-somma likwidata tigi mnaqqsa, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

In sostenn ta' l-appell taghha s-socjeta` konvenuta ressqet tlett aggravji li, kif jirrizulta fir-rikors tal-appell, jikkonsistu bazikament fis-segwenti:
a) ma kienx hemm l-elementi ta' kolpa necessarji biex il-konvenuta tinstab responsabbli tad-danni sofferti mill-attur;
b) kumpannija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni allegatament sofferti waqt il-qadi ta' dmirijiet li universalment u ragonevolment huma meqjusa bhala parti mix-xoghol li jwettaq; u
c) il-komputazzjoni tad-danni ma kinitx korretta.

L-attur ipprezenta risposta fit-8 ta' Novembru, 2002 fejn, filwaqt li ppremetta li s-sentenza appellata hija gusta,

talab li din tigi kkonfermata wkoll ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti ta’ Prim Istanza li, kuntrarjament ghal dak li sab l-espert legali, rriteniet li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-akkadut tal-11 ta’ Marzu, 1989 meta l-attur korra waqt li kien qed jezegwixxi xoghol lilu ordnat mis-superjuri tieghu. L-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni li din ir-responsabbilita` kienet hemm stante li s-socjeta` konvenuta ma pprovditx “a safe system of work”.

L-attur fiz-zmien relevanti kien impjegat bhala ingenier mas-socjeta` konvenuta u fost il-mansjonijiet tieghu kellu dak li jippartecipa f’dik li tissejjah “*major maintenance*” ta’ l-ajruplani tas-socjeta` konvenuta, liema operazzjoni ssir darba fis-sena. Fost affarijiet ohra, din l-operazzjoni kienet tinvolvi li jinqaghlu s-‘seats’ ta’ l-ajruplan u, wara li jigu spezzjonati ghal xi hsarat u jissewwew, dawn is-sedili, tramite terzi persuni, jergaw jitpoggew f’posthom. L-attur, fil-mansjonijiet tieghu normali, kellu d-dmir li jivverifika li dawn is-sedili jkunu ntrabtu sew biex jigi mwarrab il-perikolu li jinqalghu waqt li jkunu okkupati mill-passiggiera. Din l-operazzjoni kienet titlob li l-attur jiskossja sew kull sedil bl-uzu tal-forza fizika tieghu. Wara li jkun gie verifikat li s-sedili kienu tpoggew f’posthom kif ghandu jkun, it-technician, li jkun wahhal is-seats u l-attur, bhala ingenier, jiffirmaw dikjarazzjoni f’dan is-sens.

Jirrizulta li l-attur kien impjegat ta’ certa esperjenza billi kien ilu impjegat mas-socjeta` konvenuta ghal diversi snin. Inoltre jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa gie mqabbad jaghmel dan it-tip ta’ “*checking*”. F’okkazzjonijiet ohra ma gara xejn u kien biss fl-okkazzjoni fuq imsemmija li l-attur hass ugiegh qawwi f’dahru li sussegwentement wassal ghall-intervent kirurgiku u d-dizabilita` registrata.

Ma hemmx dubbju li dak li sofra l-attur kien rizultat dirett tal-weggha li huwa hass waqt l-operazzjoni minnu ezegwita fl-iskussjar tas-sedili. F’dan ir-rigward jirrizulta li

wara dan l-incident l-attur ma regax dahal ghax-xoghol ghal diversi gimghat u, biex jigi ghall-ahjar kellu jissottometti ruhu ghall-operazzjoni maghrufa bhala “laminectomy” fejn tnehhewlu zewg “discs” ta’ dahru. B’dana kollu, minkejja din l-operazzjoni, xorta qed ibati minn disabilita` ta’ natura permanenti fi grad ta’ 17% ghax, kif ighid l-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti, “his back is not normal by any means and he will always have to be careful in all his everyday working and leisure activities.” Inoltre l-istess attur ikkonferma li qabel dan l-incident huwa qatt ma kien ibati b’dahru. Is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova li, antecedentement ghall-akkadut, l-attur kellu xi mankament f’dahru. Jidher ghalhekk li hemm ness bejn l-incident u d-danni subiti.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dik li hija responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta din il-Qorti tikkonfessa li l-kaz sotto ezami jipprezenta certa diffikulta`. Dan mhux kaz fejn jirrizulta abbondantement li l-“employer” naqas li jipprovdi “*a safe place of work*”, liema nuqqas kien certament iwassal ghall-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita`, inkwantu hawn mhux qed nitkellmu fuq incident industrjali kagunat minn xi magna – kif hafna minn dawn il-kazi jipprezentaw ruhhom – fejn il-kompitu tal-Qorti jkun cirkoskritt minn certi fatturi tangibbli bhal per ezempju l-assenza ta’ “*safety guard*” jew il-prezenza ta’ zjut ma’ l-art, liema fatturi jistghu jwasslu ghal incidenti serji. Hawn si tratta dwar korriment ta’ impjegat waqt il-qadi normali ta’ dmirijietu fl-assenza ta’ makkinarju perikoluz jew ambjent mhux idoneu. L-attur effettivament korra billi skossja dahru waqt li qed jezegwixxi operazzjoni li, fl-industrja tal-linji ta’ l-ajru, hija kkunsidrata bhala haga normali. Dan l-incident, fi ftit kliem, huwa effett ta’ “*occupational hazard.*”

Fl-industrja nsibu certa impiegi li, ghalkemm “on the face of it” ma jipprezentaw ebda sitwazzjoni perikoluza, xorta wahda, minhabba n-natura taghhom jew l-mod ripetittiv li bih ix-xoghol jigi ezegwit, iwasslu ghall-certa rizultati spjacevoli fl-impjegat. Cirkostanzi simili jigu riskontrati fl-industrja ta’ l-abbiljament fejn xoghol ripetittiv gieli wassal

ghal deformita fil-gogi ta’ l-idejn. Daqstant jigu riskontrati debilitazzjonijiet fl-industrja tal-bini fejn l-irfiegh ta’ materjal tqil gieli jwassal ghal deformita` fis-sinsla tad-dahar. Allura, ghax f’dawn il-kazi ma jkunx jidher li d-datur tax-xoghol kiser xi obbligu impost fuqu minn xi regolament jew ikun jirrizulta li l-ambjent tax-xoghol ikun idoneu, ghandha tigi mwarrba kull possibilita` ta’ l-impjegat li jigi kumpensat f’kaz ta’ incident? Din il-Qorti thoss li l-kwistjoni ghandha tigi ezaminata aktar fil-fond billi l-kuncett ta’ *bonus paterfamilias* li ghandu jirregola l-obbligi reciproci f’proceduri naxxenti minn “culpa aquiliana” u “ex contractu” certament isib applikazzjoni anke f’kazi simili.

L-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 jiddisponi b’mod konciz li “*Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u il-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.*” It-test ghalhekk huwa dak tal-*bonus pater familias* u xejn aktar. Ghalhekk` il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha trid izzomm quddiem ghajnejha dak li huwa mistenni minn missier tajjeb tal-familja fil-komportament tieghu vis-à-vis uliedu. Fi kliem iehor dik il-Qorti trid tistaqsi jekk fic-cirkostanzi kienx ragjonevolment mistenni li missier prudenti u diligenti jitlob li ibnu jaghmel dak l-attur gie mitlub jaghmel.

Issa fil-kaz in ezami, kif gia` rajna aktar ’il fuq, dak li l-attur gie inkarigat li jaghmel kien li jaghti skoss qawwi biex jassikura li s-sedili jkunu tpoggew sewwa f’posthom. Dan l-ezercizzju, ta’ natura ripetittiva, certament kien qed ikollu effett fuq il-fiziku, u partikolarment id-dahar, ta’ l-attur. Ghalhekk din il-Qorti thoss, kif irriteniet korrettament l-ewwel Qorti, li kellhom jigu introdotti mezzi biex titwarrab il-possibilita` li dawn l-iskossi jirrekaw xi dannu fl-impjegat. Huwa minnu li dan ix-xoghol necessarjament kellu jsir bl-intervent tal-bniedem billi mhux immaginabbli li seta` jsir b’xi makkinarju; b’dana kollu l-partecipazzjoni ta’ persuna ohra fl-iskussjar jew il-qsim tax-xoghol bejn diversi impjegati certament kien iwarrab jew ghall-anqas jimminimizza l-possibilita` li jigri dak li gara. Hawn ghalhekk jirrizulta nuqqas tas-socjeta` konvenuta.

Jidher li, fil-konkluzzjoni taghha, din il-Qorti hija konfortata b'decizjoni moghtija minnha stess, kif dakinhar komposta, fl-1 ta' Marzu, 1988 fil-kawza "**Rita Mamo vs Albert Mizzi noe**". F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza tal-prim istanza li kienet akkordat danni lill-persuna li sofriet korriment f'idha u spallitha "ghat-tigbid fid-drapp u/jew qliezet li kienu jghaddu minn idha waqt ix-xoghol tal-hjata li kienet taghmel." Infatti l-Qorti ta' l-Appell skartat l-argument tal-konvenut appellant fis-sens li "*l-attrici ma korrietx minhabba xi incident tax-xoghol dovut, per ezempju, ghan-nuqqas ta' "safety devices*"." Billi, ghalkemm accettat dan bhala fatt, irriteniet li "*jirrizulta ampjament li l-attrici korriet minhabba n-natura tax-xoghol li hija kienet qed tigi moghtija taghmel, liema xoghol kien jinvolvi gbid ripetut, ghal hafna sieghat, ta' drapp …"* Dan il-kaz jattalja ruhu perfettament mal-kaz sottoezami u billi din il-Qorti tikkondividi l-hsieb wara dik is-sentenza, tiddikjara li l-ewwel zewg aggravji mhux gustifikati.

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti jikkoncerna l-quantum tad-danni. F'dan il-kuntest qed jigi sottomess li d-danni likwidati kienu eccessivi billi "*l-Onorabbli Qorti Prim Awla fil-komputazzjoni tad-danni ziedet l-aspett inflazzjonarju ghal percentagg ta' hmistax fil-mija (15%) meta il-prassi u d-duttrina tistipula persentagg ferm anqas ta' bejn hamsa (5%) u ghaxra (10%) fil-mija*."

Qabel xejn din il-Qorti trid taghmilha cara li hija ma taqbel xejn mal-mod kif gew likwidati d-danni mill-Ewwel Qorti billi jidher li din la hadet in konsiderazzjoni "*the chances and changes of life*" fil-fissazzjoni tal-"*multiplier*" u lanqas ma hadet in konsiderazzjoni l-fatt tad-dewmien fil-proceduri meta giet biex tnaqqas percentwali ghall-fini tal-"*lump sum payment*." B'dana kollu jidher li l-appellant qed jillimita ruhu ghall-kwistjoni ta' l-inflazzjoni.

Din il-Qorti tosserva li kull koncessjoni li tinghata minhabba ragunijiet inflazjonarji ma tista` qatt tkun marbuta ma' xi parametri u dana billi l-inflazzjoni tvarja minn zmien ghal zmien. Ghalhekk fil-konsiderazzjoni ta'

tali element fil-komputazzjoni tad-danni futuri, ossia *lucrum cessans,* il-gudikant ghandu jara t-“trend” fl-ekonomija b’referenza partikolari ghall-valur tal-lira. Issa tenut kont ta’ l-gholi tal-hajja partikolarment f’dawn is-sittax-il sena, cioe` meta sehh l-incident sallum, din il-Qorti ma tara xejn eccessiv jew barra minn loku li l-komputazzjoni saret fuq salarju ta’ LM500 minflokk dak li kien jippercepixxi l-attur fil-perjodu tal-incident ta’ LM435 fix-xahar. Il-probabbilita` hi li impjegat tal-Airmalta tal-istess grad bhall-attur illum jithallas ferm izjed minn LM500 fix-xahar. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------